MCCAA

MALTA COMPETITION AND
CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

MIZZI HOUSE, NATIONAL ROAD,
BLATA L-BAJDA ĦMR9010,
MALTA

+356 2395 2000

AVVIŻ PUBBLIKU MAĦRUĠ MID-DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) FI ĦDAN L-AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR

Novembru, 2023

Id-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur), skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378), qed toħroġ dan l-Avviż Pubbliku li permezz tiegħu qed tidentifika u tinforma lill-pubbliku li l-kumpanija:

Global Tech (KSL LTD - C59646)

ma onoratx żewġ deċiżjonijiet mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet tal- Konsumaturi.

F'deċiżjoni waħda, il-kumpanija ġiet ordnata tħallas lill-konsumatur is-somma totali ta' elfejn, erba' mija u sitta u erbgħin ewro u tnax-il ċenteżmu (€2,446.12). Is-somma kienet tikkonsisti fil-prezz ta' elf u ħamsin ewro (€1,050) għal air *conditioner* mixtri mingħand din il-kumpanija, u elf, tliet mija u sitta u disgħin ewro u tnax-il ċenteżmu (€1,396.12) rappreżentanti danni kkawżati mill-istess *air conditioner* li ħa n-nar minħabba installazzjoni difettuża.

Fit-tieni deċiżjoni, it-Tribunal ordna lil Global Tech iħallas lill-konsumatur is-somma ta' erba' mitt ewro (€400) li jkopru l-*administration fee*/depożitu ta' pannelli li baqgħu ma twaħħlu qatt. Il-kumpanija ġiet ordnata wkoll tħallas is-somma ta' mitejn ewro (€200) bħala danni morali għall-inkonvenjenza li kkawżat lill-konsumatur minħabba li dan tilef il-*grant* maħruġa mir-Regolatur għas-Servizzi tal–Enerġija u l-Ilma (REWS) marbuta mal-installazjoni tal-pannelli solari, *grant* illi mhux ser jerġa' jkun jista' japplika għaliha jekk jiddeċiedi li jixtri pannelli solari fil-futur.

Fiż-żewġ deċiżjonijiet, il-kumpanija ġiet ordnata tħallas l-ispejjeż tal-proċeduri.

Grace Stivala
Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur)